MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 351/2002/1

**Albert Fiorentino**

**vs**

**Rebecca Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-qorti taghti lura u tirritorna lill-attur is-segwenti oggetti: Television tal-marka Seleco (LM150), DVD tal-marka Pioneer (LM135), telefon cellulari tal-marka Sony (LM135), Panasonic Cordless**

**Telephone (LM50), Computer desk (LM190), Computer monitor tal-marka Horizon (LM20), Panasonic Stereo System (LM230), Aquarium (LM65), Strobe light (LM15) u mejda tal-injam (LM15). U fin-nuqqas thallas lill-attur il-valur taghhom kif fuq indikat;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' April tas-sena 2002; tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment u bl-interessi;**

**3. Illi l-konvenuta hi ngunta biex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi mhux minnu li l-oggetti msemmija mill-attur, fl-avviz, kienu gew mislufa lill-konvenuta, izda moghtija bhala rigali tul il-hbiberija li kienet tezisti bejn il-partijiet, hlief ghall-ahhar oggett imsemmi fl-istess avviz u cioe', mejda tal-injam, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi l-attur qed jippretendi lura l-imsemmija oggetti u li l-istess kienu gew mislufa lill-konvenuta wara li l-hbiberija bejn il-partijiet spiccat;**

**3. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet ulterjuri datata l-25 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-ammont pretiz mill-attur tal-oggetti msemmija minnhu fl-avviz fl-ismijiet fuq indikati, kif**

**ukoll il-valur ta' l-istess oggetti huwa anqas minn elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500.00,0);**

**2. Illi dan gie kkonfermat mill-istess attur waqt ix-xhieda tieghu;**

**3. Illi ghalhekk dina l-Qorti ma hijiex dik il-Qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi fuq it-talba ta' l-attur;**

**Rat il-verbal datat is-27 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tal-konvenuta iddikjara li rtira n-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri fuq indikata;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-partijiet f'din il-kawza zviluppaw hbiberija;**

**2. Illi l-attur isostni li l-oggetti minnhu ndikati fl-avviz odjern kien sellifhom lill-konvenuta minhabba s-sitwazzjoni personali li kienet tinsab fiha;**

**3. Illi l-konvenuta ssostni li bl-eccezzjoni tal-mejda ta' l-injam indikata fl-avviz odjern l-oggetti l-ohra kienu gew moghtija lilha mill-attur;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi n-natura ta' din il-kawza hi wahda verament stramba stante li jirrizulta li meta l-hbiberija bejn il-partijiet kienet prezenti huma kienu f'certa komplicita' bejniethom, izda meta s-sitwazzjoni inbidlet, l-attitudni lejn xulxin hadet xejra opposta;**

**Illi hija l-konsiderazzjoni ta' din il-qorti li tali attitudni hi nfantili u m'ghandhiex tigi avallata;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi pero' fl-istess eccezzjonijiet presentati jirrizulta li jidher li l-oggetti indikati fl-avviz odjern gew effettivament mislufa u mhux moghtija lill-konvenuta, (ara t-tieni eccezzjoni a fol 7);**

**Illi ghalhekk a bazi xejn aktar milli tali probabbilita' din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement tordna lill-konvenuta tirritorna l-oggetti indikati fl-avviz odjern lill-attur fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum u fin-nuqqas biex thallsu l-valur ekwivalenti indikat fl-istess avviz fl-ammont komplessiv ta' elf u hames Liri Maltin, (LM1,005.00,0);**

**Illi rigward l-ispejjez ghandu jigi rilevat li din il-qorti taghti l-opportunita' lill-partijiet biex jipprovaw jasslu ghal xi forma ta' ftehim bejniethom izda dan irrizulta li kien inutilment u ghaldaqstant tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------